MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1206/1996/1

**Fibermar Co. Ltd**

**Vs**

**Vassallo Builders Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-15 ta' April 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf mitejn u tliet liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1203.36) ammont dovut rapprezentanti, kwantu ghal Lm444.36 bhala l-prezz ta' arblu (*flagpole*) mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u kwantu ghal Lm759.00 bhala

spejjez konnessi mal-konsenja ta’ l-istess arblu, kif ordnat minnu ghall-beneficcju ta’ l-istess socjeta` konvenuta;

Premess illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont il-konvenut *nomine* baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn u tliet liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1203.36) ammont dovut rapprezentanti, kwantu ghal Lm444.36 bhala l-prezz ta’ arblu (*flagpole*) mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u kwantu ghal Lm759.00 bhala spejjez konnessi mal-konsenja ta’ l-istess arblu, kif ordnat minn u ghall-beneficcju ta’ l-istess socjeta` konvenuta;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Bonaventura sive Arthur Farrugia in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-17 ta’ Ottubru 1996, li permezz taghha hija eccepiet:-

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ebda ammont kwalsiasi ma ghadu llum dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, u dana kif jigi dettaljatament provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-Avukat Dottor Aldo Vella bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-

istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digiret tat-12 ta’ Lulju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

B’ introduzzjoni ghall-materja hawn konsiderata jibda biex preliminarjament jigi puntwalizzat illi, kif jinsab enuncjat, “hi regola, kultant, iva, derogata bil-provi u l-presunzjonijiet legali, flimkien ma’ regoli ohra li qeghdin in bazi tad-dritt razzjonali probatorju, illi l-fatt ghandu jkun sufficjentement pruvat meta l-gudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-gudizzju, ic-certezza morali tal-verita` tal-fatti. Kif jghid Domat, “*une preuve est tout ce qui persuade l’ esprit d’ une verité*” - “**Rosario Spiteri -vs- Michele Mifsud**”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Ottubru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 525**);

Il-premessa silta giet riprodotta in kwantu anke fil-kaz prezenti hu proprju mill-analisi tal-provi prodotti u l-apprezzament taghhom li trid titnissel ic-certezza morali dwar liema miz-zewg versjonijiet tal-kontendenti ghandha titqies l-aktar verosimili u attendibbli. Fuq kollox, liema wahda minnhom tikkorrispondi ghall-verita` tal-kontenut tal-kontrattazzjoni ta’ bejniethom;

Indubbjament, il-kwestjoni hawn involuta hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda tal-partijiet kontendenti. Dan anke ghaliex, kif jirrizulta, ma jidhirx li dawn hasbu biex permezz ta' ftehim car u espress japprofondixxu l-kontenut tal-ftehim b' mod li jevitaw disputi dwaru, kif hekk sfortunatament inhu l-kaz;

Jibda biex jigi b' mod generali osservat illi fl-ambitu ta' vicenda processwali japplika l-principju, in materja ta' oneri probatorji, illi fejn il-fatti allegati huma pacifici l-parti li tallega hi ezonerata milli ggib prova dimostrattiva specifika. Dan hu hekk il-kaz fejn il-parti kuntrarja tkun accettat l-ezistenza tal-fatt allegat;

Issa f' dan il-kaz il-fatti pacifici huma dawn:-

(1) Is-socjeta` konvenuta ppjazzat ordni mas-socjeta` attrici ghax-xiri ta' *flagpole* ta' tmintax-il (18) metru li kellu jigi addentellat fuq post gdid li s-socjeta` konvenuta kienet qed tibni fil-pjazza tal-Mosta;

(2) Oltre dan l-arblu l-istess socjeta` konvenuta ordnat ukoll *flagpole* ta' tnax-il (12) metru biex jigi montat f' post iehor taghha fl-Imgarr. Ara fattura a fol. 118;

(3) Jidher mod jew iehor li hemm qbil ukoll li l-ordni ghall-arblu *de quo* ta' 18-il metru saret bejn Mejju/Gunju 1995. Skond ix-xhud Joseph Borg, li ghamel l-ordni ghalih f' isem is-socjeta` konvenuta, zgur li din l-ordni saret hafna aktar minn sitt gimghat qabel il-festa;

(4) Hu maqbul ukoll illi s-socjeta` konvenuta nterveniet direttament mas-socjeta` fornitrici estera biex l-arblu jigi spedit u jitwassal Malta fiz-zmien utli intenzjonat mill-istess socjeta` konvenuta ghall-okkazjoni tal-ftuh tal-*premises* godda taghha. Huwa wkoll pacifiku illi dan l-arblu wasal fl-ahhar ta' Lulju 1995 u ghalhekk fiz-zmien prefiss mis-socjeta` konvenuta;

Premessi dawn il-fatti pacifici jidher li l-veru diverbju bejn il-kontendenti jikkonsisti unikament f' dan. Is-socjeta` attrici tippretendi li oltre l-prezz ta' l-arblu s-socjeta` konvenuta kellha taghmel tajjeb ukoll ghall-hlas ta' l-ispejjez tax-*shipment* tieghu mill-Ingilterra. Minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-prezz akkordat kien ghall-arblu mwassal Malta. Ara xhieda ta' Joseph Borg a fol. 46 u ta' Nazzareno Vassallo a fol. 72. Effettivament is-socjeta` konvenuta ghaddiet ghall-hlas tal-prezz ta' l-arblu, kif manifest mill-ittra u *cheque* a fol. 35, izda dan ma giex accettat mis-socjeta` attrici. Dan hu hekk konfermat mill-imsemmi Nazzareno Vassallo (fol. 72);

Ikun opportun qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fl-ezami tal-provi pertinenti illi taghmel parentesi qasira biex tissottolineja certi rilevanzi ta' indoli procedurali;

Hija regola sostenuta kemm fid-dottrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza illi l-attur f' kawza ghandu jipprova l-fatti kostituttivi posti a bazi tad-dritt minnu vantat. In kwantu huwa l-attur li jallega, il-piz tal-prova tal-hlas minnu domandat taggrava qabel xejn fuqu. Sta ghalih allura li mill-kumplessita` tal-fatti jwassal lill-Qorti ghal dik il-prova unitarja li tavvalora d-dritt tieghu u tipproduci l-effetti guridici determinanti ghall-kaz tieghu;

Fil-kaz prezenti tramite il-Managing Director taghha s-socjeta` attrici tafferma li qatt ma kien hemm ftehim illi l-kumpanija tbati hi l-ispejjez tat-trasport. Ara Affidavit ta' Bonaventura Farrugia (fol. 24). Li gara kien li wara li giet pjazzata l-ordni minnha lis-socjeta` fornitrici fl-Ingilterra irrizulta li l-arblu *de quo* ma setax jitghabba fil-*container* flimkien ma' ordni precedenti li kienet ghamlet u dan allura htieglu jigi trasportat bhala "*loose cargo on deck*" permezz ta' vapur idoneu ghall-garr bhal dan. Sa hawn allura fil-fehma ta' din il-Qorti huwa kjarament ovvju illi fl-istadju li fih is-socjeta` konvenuta ghamlet l-ordni ghall-arblu, bil-prezz kwotat lilha mis-socjeta` attrici ma kienux inkluzi l-ispejjez tal-garr. Dan evidentement kien hekk il-kaz in

kwantu f’ dak l-istadju apparentement ma kienx prevvist ebda ostakolu ghall-garr tieghu. Ostakolu li jidher li gie riskontrat l-ewwel darba fil-fazi meta l-arblu kien wasal biex jigi karikat u trasportat Malta. Dan iwassal allura ghas-sitwazzjoni illi ghallanqas sa din il-fazi ta’ l-analisi tal-provi istruttorji difficilment jista’ jinghad li tokkorri prova sodisfacenti li tissorreggi l-fondament u l-legittimita` tal-meritu tal-pretensjoni tas-socjeta` attrici. Il-Qorti jehtiegilha allura tezamina jekk jissussistux mill-kumplament tar-rizultanzi processwali elementi idonei ohra ghall-accertament tad-dritt pretiz, u hekk kapaci li jikkonkorru ghall-formazzjoni tal-liberu konvinciment taghha;

Mic-cirkostanzi l-ohra dedotti jigi rilevat illi, kif jirrizulta mill-Affidavit tax-xhud William Edward Morton Harrison, Managing Director tas-socjeta` Ingliza fornitrici, meta gie realizzat illi l-arblu ma setax jitghabba gewwa *container* u kien ghalhekk mehtieg mezz alternattiv ta’ trasport huma nformaw lis-socjeta` attrici bl-ispiza addizzjonali necessitata ghall-garr tieghu. Dan ix-xhud jissokta jiddikjara illi wara dan irceva telefonata minghand is-socjeta` konvenuta li kkonfermatlu li “*Vassallo Builders would be prepared to settle such costs*” (fol. 58);

Minn naha tas-socjeta` konvenuta din l-affermazzjoni hi zmentita mix-xhud Joseph Schranz, li a propozitu jiddibatti illi meta d-ditta estera semmietlu l-*“additional costs”* hu kien wegibha “li dwar *shipping costs* dak kien affari taghhom u tas-Sur Vassallo u jiena ma ridtx nidhol fiha” (fol. 84);

M’ hemmx dubbju illi f’ kaz bhal dan il-Qorti jkollha, ghall-iskop tal-gudizzju taghha, toqghod fuq it-testimonjanzi tal-persuni direttament involuti. F’ dan il-kaz iz-zewg dikjarazzjonijiet appena riportati tax-xhieda msemmija indiskutibilment joffru kwadru ta’ konflittwalita` ghal min irid jiggudika;

Issa kif drabi ohra gie deciz, “mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’ dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’ kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ ‘*in dubio pro reo*’. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha ...” (**Kollez. Vol. L P II p 440**);

Huwa mill-ewwel evidenti f’ dan il-kaz illi z-zewg versjonijiet ma jistghux ikunu t-tnejn jikkorrispondu ghar-realta` b’ mod li allura l-wahda ghandha tkun fic-cirkostanzi ippreferuta ghall-ohra. Applikat it-test tal-verosimiljanza din il-Qorti tinklina versu d-dikjarazzjoni tal-Managing Director tas-socjeta` estera fornitrici billi din tidher li hi l-aktar wahda probabbli anke ghal fini tac-certezza morali. Dan il-Qorti qed tasal ghalih in bazi ghal dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Bla dubju s-socjeta` konvenuta kienet anzjuza hafna illi l-arblu jitwassal lilha tempestivament u fiz-zmien utli minnha mahsub ghall-okkazjoni tal-ftuh tal-*premises* taghha fil-Mosta. Ovvjament kienet din il-premura taghha li geghlitha taghmel kuntatt dirett mal-fornitur barrani;

(2) Biex taccerta pjena adempiment u l-wasla f’ waqtu ta’ l-arblu hu probabbli hafna li f’ dan il-mument is-socjeta` konvenuta tat assigurazzjoni lid-ditta speditrici li kienet ser tassorbi l-ispiza addizzjonali necessitata ghall-garr tieghu;

(3) Huwa sintomatiku hafna wkoll illi l-istess ditta speditrici ma kinitx ser titrasporta l-arblu bil-mod alternattiv adoperat jekk ma kellhiex preventivament minghand is-socjeta` konvenuta l-assigurazzjoni tal-hlas ta’ l-ispiza involuta;

Una volta, il-Qorti qed taccetta l-versjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` estera bhala l-aktar wahda plawsibbli li giet effettivament moghtija mis-socjeta` konvenuta

assikurazzjoni tal-hlas ta' l-ispiza addizzjonali tat-trasport, ma jibqax lok aktar ghall-argomenti. U gjaladarba ghalhekk, kif jirrizulta, dak il-hlas gja sar mis-socjeta` attrici lid-ditta barranija, kif hekk konfermat ukoll mix-xhud imsemmi William Harrison fl-Affidavit tieghu, hu l-kaz li in bazi ghar-riflessjonijiet esposti s-socjeta` konvenuta tbati r-ripetizzjoni taghhom lis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja r-rigett ta' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u b' hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' elf mitejn u tliet liri Maltin, sitta u tletin centezmu (Lm1203.36) prezz ta' *flagpole* mibjugh u kkonsenjat, komprizi l-ispejjez konnessi mal-garr tieghu mill-Ingilterra ghal Malta. Fuq dan l-ammont jithallsu l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (8 ta' Ottubru 1996);

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------